MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 263/2009

**A B**
**vs**
**C D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi fid-19 ta’ Gunju 2004, il-kontendenti ikkontrattaw zwieg bejniethom fil-knisja ta’ Santa Marija ta’ l-Angli, Parrocca tal-Gharghur kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-Zwieg (Dok. A).

2. Illi ghalkemm jidher li l-istess zwieg kien validu, effettivament l-istess ma kienx.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

4. Illi inoltre l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b' eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

5. Illi l-esponenti ghandha interess li z-zwieg iccelebrat bejnha u bejn il-konvenut jigi ddikjarat null ghall-effetti kollha tal-ligi u ghalhekk qed isir dan ir-rikors.

6. Illi l-esponenti taf b' dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onrabbli Qorti toghgobha:

Tiddikjara li z-zwieg kkontrattat bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat ir-risposta guramentata prezentata mill-konvenut li biha ddikjara li jaqbel mat-talba attrici, ghall-istess ragunijiet indikati mill-attrici fir-rikors promoter, oltre l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [h] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-19 ta' Gunju 2004 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-

partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jaderixxi mat-talba attrici, u jzid jindika l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [h] ta' l-artikolu precitat.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jrrizulta pacifiku li l-partijiet izzewgu fis-19 ta' Gunju 2004 meta allura l-attrici kellha 22 sena u l-konvenut kellu 23 sena, u wara li kienu lhom johorgu flimkien circa erba' [4] snin, li f'sena u nofs minnhom, il-partijiet ikkoabitaw flimkien. Wara konvivenza matrimonjali ta' circa sentejn l-attrici telqet mid-dar konjugali, u fil-11 ta' Frar 2008 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Illum iz-zewg partijiet huma f' relazzjoni, filwaqt li l-attrici ghandha tarbija minn terz.

Illi l-attrici tispjega li meta bdiet ir-relazzjoni mal-konvenut, hija kienet miggielda mal-familja taghha, u kien ihossha wahedha hafna, u kien ghal din ir-raguni li hi kienet baqghet fir-relazzjoni, ghax kienet tibza, li ser tispicca waheda. Tghid li, ghalkemm hi zzewget lill-konvenut, wara li kienu ilhom jghixu flimkien ghal xi zmien, hija qatt ma riedet tfal minnu ghax ma kinitx kuntenta mieghu. Di fatti hi, kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg, kienet issib hafna rifugju fi hbiberija li kellha ma' mara separata bit-tfal. Din il-mara kienet dejjem prezenti fil-hajja tal-partijiet. Minn naha tieghu l-konvenut ma tantx kien ikun id-dar peress li kien jqatta' hafna hin fuq ix-xoghol. Hija tilmenta wkoll mill-komportament arroganti tal-konvenut fil-konfront taghha.

L-attrici tirribadixxi li hi qatt ma riedet tfal mill-konvenut, la qabel iz-zwieg u lanqas wara z-zwieg, anzi wara z-zwieg hi assodat id-decizjoni taghha, tant li anke r-relazzjonijiet intimi bejniethom kienu saru rari. F' dawn ic-cirkostanzi, lejn l-ahhar tal-konvivenza qasira ta' sentejn li kellhom il-partijiet, l-attrici kienet okkazzjonalment tkun infidila lejn il-konvenut, allura zewgha, ma' kollega tax-xoghol taghha. Eventwalment, hija telqet mid-dar konjugali .

Illi minn naha tieghu l-konvenut jikkonferma, in sostanza, din il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attrici, u jikkonferma li, ghalkemm lill-attrici kien jghidilha bil-five year plan tieghu qabel ma jipprovaw ghat-tfal, din kienet biss skuza biex jiddulunga dan il-punt, stante li lanqas hu ma ried tfal mill-attrici.

Illi kif tirrakkonta l-attrici, l-att taz-zwieg bejn il-partijiet, kemm qabel, kif ukoll wara iz-zwieg, dejjem sar bi prekawzjoni doppja, u cioe' kemm da parti ta' l-attrici kif ukoll da parti tal-konvenut.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti f' dan il-kaz tirravviza fil-konfront taz-zewg partijiet il-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, stante li mill-provi migjuba jirrizulta manifest li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-partijiet kienu affetti minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja konjugali. Huma dahlu fiz-zwieg minghajr ma gharrfu li fir-realta' l-forma mentis taghhom f' dak iz-zmien kienet tali li kienet irrendiethom inkapaci li joholqu bejniethom dik l-unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied, u kienu nkapaci li joholqu bejniethm komunjoni ta' hajja u ta' mhabba.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-19 ta' Gunju 2004.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------